DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 182378** **07.11.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Illum iċ-ċittadini Ewropej jistennew mill-Unjoni Ewropea serħan il-moħħ, ċertezza u trasparenza aktar minn qatt qabel - Leo Brincat, il-Membru Malti fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri jippreżenta r-Rapport Annwali tal-Qorti għas-Sena Finanzjarja 2017 lill-Kumitati Parlamentari dwar il-Kontijiet Pubbliċi, dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, u dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji***

*"F'dawn iż-żminijiet ta' taqlib u inċertezza globali u reġjonali, huwa essenzjali li n-nies ikollhom is-serħan il-moħħ li l-Unjoni Ewropea qed taġixxi b'integrità, b'osservanza sħiħa tal-liġi, tonfoq il-flus pubbliċi bil-galbu, tkun ċara dwar l-għanijiet tal-policies tagħha u aktar importanti minn hekk li tikseb ir-riżultati kollha mwiegħda."*

Dan qalu Leo Brincat, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), f'laqgħa konġunta ta' tliet Kumitati tal-Parlament, fejn ippreżenta r-Rapport Annwali tal-Qorti għas-Sena Finanzjarja 2017 lill-Membri Parlamentari fuq il-Kumitati Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, u dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

Il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri qal li filwaqt li fl-2016 id-dħul tal-baġit tal-UE ma ġiex milqut minn żball materjali u l-livell kumplessiv ta' żball għall-infiq tal-UE kien ta' 3.1%, din ix-xejra pożittiva kompliet tissaħħaħ matul is-sena 2017 tant li nżilna għal 2.4%. B'riżultat ta' dan it-titjib sostnut mill-ġdid, ħarġet b'opinjoni kwalifikata dwar il-pagamenti, u mhux waħda avversa – kuntrarju għal dak li dejjem ġara tul l-istorja tal-Qorti sa qabel is-sena l-oħra.

F'dak li kellu x'jaqsam ma' referenzi għal Malta fir-Rapport Annwali tal-QEA, mit-tranżazzjonijiet awditjati, ma rriżulta l-ebda żball ta' konformità u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-proġetti rriżultat f'waħda pożittiva fejn l-għanijiet tal-programmi ġew miksuba bis-sħiħ.

Is-Sur Brincat irrimarka li l-irtirar imħabbar tar-Renju Unit mill-UE is-sena d-dieħla joħloq sfidi ġodda u addizzjonali għall-baġit tal-UE. F'dan l-istadju huwa impossibbli li wieħed jikkalkula kemm ser ikun il-kont aħħari li jkollu jħallas ir-Renju Unit, billi it-termini tal-ftehim mal-UE jistgħu jinbidlu hekk kif it-taħdidiet tal-irtirar tar-Renju Unit jidħlu fil-fażi kruċjali qabel ma Brexit jiġi fis-seħħ f'Marzu li ġej. Wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li kull stat membru tal-UE għandu l-obbligu li jħallas il-kontribuzzjoni lill-Baġit tal-UE li jkun ikkommetta ruħu għaliha fil-Baġit sas-sena 2020.

Is-Sur Leo Brincat ħabbar li b'seħħ mill-ewwel ta' Mejju nħatar Membru ta' *Chamber* III li huwa responsabbli għall-Azzjoni Esterna, Sigurtà u Ġustizzja u li jinkludi wkoll l-immigrazzjoni u l-immaniġġjar tal-fruntieri, u fil-fatt diġa' ġie maħtur Membru Rapportatur ta' żewġ rapporti prijoritarji dwar aspetti varji tal-immigrazzjoni fl-UE.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Huwa tkellem fuq il-ħidma tal-uffiċju tiegħu fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri, partikolarment dwar kif:

- Fil-bidu ta' din is-sena s-Sur Brincat ġie maħtur mill-Qorti bħala Membru ta' Foresight Task Force maħsuba biex tfassal pjan biex il-Qorti ssir Future Proof fil-ġejjieni, billi taħseb lil hinn mit-terminu tal-pjan strateġiku attwali li jintemm fis-sena 2020.
- F'Settembru, il-Qorti ppubblikat rapport li għalih is-Sur Brincat kien il-Membru Rapportatur, bl-isem ta' Landscape Review (Ħarsa Panoramika) dwar 'L-applikazzjoni tad-dritt tal-UE fil-prattika', fejn ingħatat ħarsa lejn ir-responsabbiltajiet ta' sorveljanza tal-KE skont it-Trattat dwar l-UE.
- Bħalissa s-Sur Brincat għandu awditu speċjali bit-tir li jinħarġu konkluzjonijiet dwar kemm il-European Fund for Strategic Investments (EFSI), inizjattiva tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-Kummissjoni Ewropea biex jimmobilizza l-finanzjament privat għall-ħolqien tal-investimenti strateġiċi fl-UE, kien effettiv biex jindirizza l-ħtieġa għall-appoġġ għall-investiment ġdid fl-UE.

Il-Qorti għadha kemm approvat il-programm ta' ħidma għas-sena 2019, li se jiġi ffaċċjat bi sfidi tal-Multiannual Financial Framework (MFF) il-ġdid, l-irtirar tar-Renju Unit mill-UE, kif ukoll l-elezzjonijiet fil-Parlament Ewropew. Is-Sur Brincat qal li l-immaniġġjar tar- riskju tad-dewmien fil-pagamenti għandu jkun ta' prijorità meta jiġi ppjanat l-MFF għall-perjodu ta' sitt snin li jibda fis-sena 2021. Huwa irrefera għall-intervent li għamel il-President tal-QEA fejn appella biex in-negozjati dwar l-MFF il-ġdid jsiru bil-galbu, ħalli terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini, fi żmien meta l-populiżmu u l-firxa ta' partiti anti-Ewropej fl-Ewropa qed tikber.

Is-Sur Brincat temm jgħid li l-mira tal-Qorti hi li nkomplu niżguraw li nipprovdu tagħrif ċar, aċċessibbli u li wieħed jista' joqgħod fuqu liċ-ċittadini kollha dwar il-finanzi tal-UE, ħalli toktor il-fiduċja kemm fl-UE kif wkoll fl-istituzzjonijiet tagħha u tkompli tiżdied l-effiċjenza fl-infiq li jkun maqbul li jsir.

*<u>Noti lill-edituri:</u>*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-istituzzjoni indipendenti tal-awditjar tal-Unjoni Ewropea. Irrapporti u l-opinjonijiet tal-awditjar tagħha huma element essenzjali tal-katina tal-obbligu ta' rendikont tal-UE, u jintużaw biex dawk responsabbli mill-ġestjoni tal-baġit tal-UE jkollhom jagħtu rendikont. Primarjament, din hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE. Iżda għal madwar żewġ terzi tal-infiq – prinċipalment dak fl-oqsma ta' riżorsi naturali u ta' koeżjoni – ir-responsabbiltà hija kondiviża mal-Istati Membri.

L-infiq tal-UE kien jammonta għal total ta' EUR 137.4 biljun fl-2017, jew madwar EUR 270 għal kull ċittadin. Dan jirrappreżenta madwar 0.9 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-UE u bejn wieħed u ieħor 2 % tal-infiq pubbliku totali fl-Istati Membri tal-UE. Fl-2017, l-Intestatura "Riżorsi naturali" kkostitwiet l-akbar sehem mill-fondi awditjati (56 %), filwaqt li, meta mqabbel ma' snin preċedenti, is-sehem tal-infiq fuq "Koeżjoni" kien relattivament żgħir (8 %) minħabba l-livell baxx ta' nfiq aċċettat.

Kull sena, l-awdituri jivverifikaw il-kontijiet tal-UE u jipprovdu l-opinjoni tagħhom dwar żewġ aspetti: jekk il-kontijiet ikunux preċiżi u affidabbli, u l-punt sa fejn ikun hemm evidenza li l-flus ġew riċevuti jew tħallsu bi żball (magħrufa bħala regolarità u legalità). L-awdituri ilhom mill-2007 jagħtu

opinjoni favorevoli tal-kontijiet tal-UE. Madankollu, mill-1994 sas-sena li għaddiet, l-opinjoni tagħhom dwar ir-regolarità u l-legalità tal-infiq għal kull sena kienet waħda avversa.

Opinjoni "favorevoli" tfisser li ċ-ċifri jippreżentaw stampa vera u ġusta, u jsegwu r-regoli tar-rappurtar finanzjarju. Opinjoni "kwalifikata" tfisser li l-awdituri ma jistgħux jagħtu opinjoni favorevoli, iżda li l-problemi identifikati mhumiex pervażivi. Opinjoni "avversa" tindika l-preżenza mifruxa ta' problemi.

Sabiex ikunu jistgħu jaslu għal din l-opinjoni tal-awditjar, huma jittestjaw kampjuni ta' tranżazzjonijiet biex jipprovdu stimi bbażati fuq l-istatistika tal-punt sa fejn id-dħul u l-oqsma differenti ta' nfiq ikunu milquta minn żball. Huma jqabblu l-livell ta' żball stmat ma' soll ta' materjalità ta' 2 %, li 'l fuq minnu d-dħul jew l-infiq jitqies li jkun irregolari. Il-livell ta' żball stmat mhuwiex kejl ta' frodi, ta' ineffiċjenza jew ta' ħela, imma huwa stima tal-flus li ma kellhomx jitħallsu peress li ma ntużawx f'konformità sħiħa mar-regoli tal-UE u ma' dawk nazzjonali.

Fl-2017, l-awdituri sabu 13-il każ ta' frodi suspettata minn bejn wieħed u ieħor 700 tranżazzjoni li ġew awditjati (2016: 11). Dawn il-każijiet għaddew għand l-uffiċċju tal-UE ta' kontra l-Frodi, l-OLAF. Għall-2017, l-awdituri adottaw approċċ ġdid fil-qasam ta' Koeżjoni, li jippermetti li jiġi ċċarat fejn għad hemm xi nuqqasijiet, kemm fil-Kummissjoni Ewropea kif ukoll fl-Istati Membri. Dan jgħinna biex nippromwovu l-obbligu ta' rendikont u nkomplu ntejbu l-ġestjoni tal-finanzi tal-UE. Huma għandhom l-għan li s-sena d-dieħla jestendu l-proġett għal oqsma oħra ta' nfiq. Ir-Rapport Annwali dwar il-baġit tal-UE, ir-Rapport Annwali dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp u d-dokument sommarju "2017 - Awditu tal-UE fil-qosor" huma disponibbli fuq:
http://www.eca.europa.eu/mt/Pages/AR2017.aspx